# L-ISTAT TAD-DRITT:
# GWIDA GĦALL-UTENT



VENICE COMMISSION
COMMISSION DE VENISE

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE

# L-ISTAT TAD-DRITT, ID-DEMOKRAZIJA, ID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM

## L-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, it-tliet pilastri tal-Kunsill tal-Ewropa, huma marbuta mill-qrib u inseparabbli.

- Id-demokrazija tiżgura li ċ-ċittadini jkunu involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet pubbliċi;
- Id-drittijiet tal-bniedem jipproteġu lill-individwi minn indħil arbitrarju u eċċessiv fil-libertajiet tagħhom u jissalvagwardjaw id-dinjità tal-bniedem;
- Stat immexxi mill-istat tad-dritt jiżgura li l-eżerċizzju tal-poter pubbliku jkun regolat u mmonitorjat.

L-istat tad-dritt jippromwovi d-demokrazija għaliex jistabbilixxi obbligu ta' rendikont għal dawk li jeżerċitaw il-poter pubbliku, jissalvagwardja d-drittijiet tal-bniedem permezz ta' sistema ta' ġustizzja indipendenti u imparzjali u jipproteġi l-minoranzi kontra t-tmexxija arbitrarja tal-maġġoranza.

**Għaliex dan huwa essenzjali?**
Stat mingħajr regoli ċari huwa suxxettibbli għall-instabbiltà u għall-arbitrarjetà. L-istat tad-dritt jipproteġi l-libertajiet fundamentali ta' kulħadd. Huwa l-pedament tad-demokraziji moderni.

**L-istat tad-dritt jistrieħ fuq ħames prinċipji fundamentali:**

- **Legalità** – Il-liġijiet japplikaw għal kulħadd u jistabbilixxu limiti fuq il-poter.
- **Ċertezza tad-dritt** - Il-liġijiet huma ċari, aċċessibbli u prevedibbli.
- **Prevenzjoni tal-abbuż tal-poter** – Isiru kontrolli biex tiġi evitata l-arbitrarjetà.
- **Ugwaljanza quddiem il-liġi u non-diskriminazzjoni** – Il-liġijiet jipproteġu lil kulħadd u huma applikati bl-istess mod, u d-diskriminazzjoni hija pprojbita.
- **Aċċess għal ġustizzja indipendenti u imparzjali** – Kulħadd jista' jiddefendi d-drittijiet tiegħu f'qorti tal-ġustizzja.

Illustrazzjonijiet ta' 'Lady Justice' mill-artista Maltija, Nadine Theuma





# LEGALITÀ

## Il-liġijiet japplikaw għal kulħadd u jistabbilixxu limiti fuq il-poter

**Fi stat immexxi mill-istat tad-dritt, l-azzjonijiet tal-awtoritajiet u taċ-ċittadini huma regolati minn leġiżlazzjoni promulgata b'mod demokratiku. L-eżekuttiv ma jistax jeżerċita l-poter tiegħu u jimponi r-rieda tiegħu mingħajr limiti jew sorveljanza.**

### Prinċipji ewlenin

- Id-deċiżjonijiet kollha għandhom jittieħdu fi ħdan il-qafas tal-liġi.
- Il-liġijiet għandhom jiġu mgħoddija skont proċess demokratiku ċar u trasparenti.
- Id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi għandhom jiġu riveduti minn ġudikatura indipendenti. Il-gvern ma jistax jagħti lilu nnifsu setgħat ġodda mingħajr ma jsegwi r-regoli stabbiliti fil-kostituzzjoni.
- Il-konvenzjonijiet u t-trattati internazzjonali, kif ukoll id-deċiżjonijiet mogħtija mill-qrati internazzjonali, għandhom jiġu applikati u mħarsa.
- Il-liġi trid tiġi implimentata b'mod effettiv.

**Għaliex dan huwa essenzjali?**
Li kieku s-setgħa ma kellhiex tiġi eżerċitata fi ħdan il-qafas tal-liġi, din tkun suġġetta għal abbuż. Pereżempju, gvern jista' jirrestrinġi l-libertajiet kif jidhirlu. Iċ-ċarezza u r-rispett għal-leġiżlazzjoni promulgata b'mod demokratiku huma garanzija ta' ġustizzja u ugwaljanza għal kulħadd.



# ĊERTEZZA TAD-DRITT

## Il-liġijiet huma ċari, aċċessibbli u prevedibbli

**Iċ-ċertezza tad-dritt tiżgura li l-liġijiet huma ċari, aċċessibbli u prevedibbli u ma jiġux applikati b'mod retroattiv. B'dan il-mod, kulħadd ikun jaf id-drittijiet u l-obbligi tiegħu minn qabel.**

### Prinċipji ewlenin

- Il-liġijiet u d-deċiżjonijiet tal-qorti għandhom ikunu faċilment aċċessibbli u li jinftehmu.
- Il-liġijiet m'għandhomx jinbidlu b'mod imprevedibbli u għandhom ikunu konsistenti.
- Persuna ma tistax tiġi kkundannata għal att li ma kienx jikkostitwixxi delitt jew reat fil-ħin meta twettaq.

**Għaliex dan huwa essenzjali?**
Sabiex l-individwi jaġixxu b'kunfidenza, iridu jkunu jafu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom. Liġijiet mhux ċari jew li jinbidlu malajr joħolqu inċertezza u instabbiltà, u jħallu lill-individwi vulnerabbli għal sanzjonijiet imprevedibbli.



# PREVENZJONI TAL-ABBUŻ TAL-POTER

## Jitwettqu kontrolli biex tiġi evitata l-arbitrarjetà

**Poter li huwa illimitat u mhux ikkontrollat iwassal għall-inġustizzja. Il-perikli tal-poter assolut jinkludu deċiżjonijiet arbitrarji, korruzzjoni u repressjoni politika. Pereżempju, sorveljanza eċċessiva mingħajr awtorizzazzjoni jew superviżjoni ġudizzjarja tista' twassal għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem.**

### Prinċipji ewlenin

- Separazzjoni tas-setgħat: il-poter m'għandux ikun ikkonċentrat f'idejn awtorità waħda.
- L-obbligu li jingħataw raġunijiet: id-deċiżjonijiet pubbliċi għandhom ikunu ġġustifikati u spjegati.
- Stħarriġ ġudizzjarju: id-deċiżjonijiet pubbliċi kollha għandhom ikunu jistgħu jiġu kkontestati quddiem qrati indipendenti u imparzjali.

> **Għaliex dan huwa essenzjali?**
> Mingħajr sorveljanza, gvern jista' jieħu deċiżjonijiet arbitrarji, jiċċensura lill-avversarji tiegħu jew saħansitra jabolixxi l-libertajiet fundamentali. L-istat tad-dritt jistabbilixxi salvagwardji biex jipprevjeni dawn l-abbużi.



# UGWALJANZA QUDDIEM IL-LIĠI U NON-DISKRIMINAZZJONI

## Il-liġijiet jipproteġu lil kulħadd u jiġu applikati bl-istess mod, u d-diskriminazzjoni hija pprojbita

**L-istat tad-dritt jirrikjedi li kulħadd ikollu l-istess drittijiet u dmirijiet stabbiliti mil-liġi u li ma jkun hemm l-ebda differenza mhux ġustifikata fil-mod kif il-persuni jiġu trattati.**

### L-ugwaljanza quddiem il-liġi tfisser

- L-ebda distinzjoni mhux ġustifikata m'għandha ssir bejn il-persuni, la fil-liġi u lanqas fl-applikazzjoni tagħha.
- Għandha tingħata protezzjoni kontra kull forma ta' diskriminazzjoni.
- L-istess drittijiet u dmirijiet għandhom jiġu garantiti għal kulħadd.
- Kull min jiġi diskriminat għandu ikun jista' jiddefendi ruħu.

**Avvanzi ewlenin – L-eżempju tad-dritt tal-vot tan-nisa**

Id-dewmien fl-għoti tad-dritt tal-vot lin-nisa fl-Ewropa huwa eżempju ta' diskriminazzjoni storika. Il-Finlandja kienet l-ewwel pajjiż Ewropew li ta d-dritt tal-vot lin-nisa fl-1906. Ma kienx qabel l-1918 li ġie estiż għal ħafna pajjiżi Ewropej oħra, u sar dritt universali fl-Ewropa biss mill-1984. Illum, l-istat tad-dritt mhux biss jissalvagwardja d-dritt tal-vot tan-nisa iżda jiżgura u iħeġġeġ ukoll il-parteċipazzjoni attiva tagħhom fil-ħajja politika mingħajr diskriminazzjoni.



# AĊĊESS GĦAL ĠUSTIZZJA INDIPENDENTI U IMPARZJALI

## Kulħadd jista' jiddefendi d-drittijiet tiegħu f'qorti

**L-aċċess għal tribunal indipendenti u imparzjali jippermetti lill-persuni jiddefendu d-drittijiet tagħhom. Pereżempju, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet li l-impossibbiltà li tiġi kkontestata fil-qorti t-terminazzjoni tal-impjieg ta' individwu, jew il-konfiska tal-proprjetà ta' individwu jew il-waqfien tal-aċċess għat-tfal ta' individwu kienet kisret id-drittijiet tal-applikanti. Ġustizzja kemm jista' jkun malajr u aċċessibbli hija essenzjali biex jiġu żgurati drittijiet ugwali.**

### Prinċipji ewlenin

- Kulħadd għandu d-dritt li japplika quddiem qorti u huwa intitolat għal proċess ġust minn tribunal indipendenti u imparzjali.
- Is-sentenzi huma aċċessibbli u spjegati b'mod ċar.
- Pariri legali u għajnuna legali huma disponibbli għal dawk fil-bżonn.
- Il-proċeduri huma raġonevolment mgħaġġla u mhux għaljin.
- Id-deċiżjonijiet tal-qorti jiġu eżegwiti.

**Għaliex dan huwa essenzjali?**
Mingħajr aċċess għall-ġustizzja, iċ-ċittadini li ġew inġurjati ma jkunux jistgħu jasserixxu id-drittijiet tagħhom. L-istat irid jiggarantixxi qrati indipendenti u sistema ġudizzjarja li tkun aċċessibbli għal kulħadd.


PAX
TIBI
MAR
EVAN
GELI

# L-ISTAT TAD-DRITT FL-AZZJONI

## Ir-rwol tal-Kummissjoni ta’ Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa

**Il-Kummissjoni ta’ Venezja għenet lill-istati membri tagħha fit-tfassil ta’ sistemi kostituzzjonali li jipprovdu l-implimentazzjoni meħtieġa tal-prinċipji tal-istat tad-dritt. Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll għodda - il-Lista ta’ Kontroll tal-Istat tad-Dritt - biex tevalwa l-livell ta’ implimentazzjoni tal-prinċipji tal-istat tad-dritt f’pajjiż partikolari.**

### Il-Lista ta’ Kontroll tal-Istat tad-Dritt tal-Kummissjoni ta’ Venezja

Il-Lista ta’ Kontroll tal-Istat tad-Dritt tal-2016 tippreżenta l-prinċipji ewlenin tal-istat tad-dritt – legalità, ċertezza tad-dritt, prevenzjoni tal-abbuż u tal-użu ħażin tal-poter, aċċess għall-ġustizzja, ugwaljanza u non-diskriminazzjoni – fil-forma ta’ punti ta’ riferiment b’parametri dettaljati u sorsi rilevanti.

Bl-użu tal-Lista ta’ Kontroll, il-gvern, il-parlament, is-soċjetà ċivili, iċ-ċittadini kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jevalwaw safejn il-prinċipji tal-istat tad-dritt huma rrispettati fi stat partikolari. Il-Lista ta’ Kontroll għal-hekk tippermetti li jiġu identifikati dgħufijiet jew nuqqasijiet li jeħtieġu azzjoni mill-istat. Il-Kummissjoni ta’ Venezja għamlet bosta rakkomandazzjonijiet dwar kif għandhom jiġu rimedjati dawn id-dgħufijiet u nuqqasijiet.

## Min aħna?

Il-Kummissjoni ta' Venezja "għad-Demokrazija permezz tal-Liġi" hija l-korp konsultattiv tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-liġi kostituzzjonali, magħmula minn esperti indipendenti.

Ġiet imwaqqfa fl-10 ta' Mejju 1990 fuq l-idea tal-istudjuż Taljan Antonio La Pergola. Wara l-waqgħa tal-Ħajt ta' Berlin, għenet lil bosta pajjiżi eks soċjalisti sabiex jadottaw kostituzzjonijiet u liġijiet demokratiċi u sussegwentement jingħaqdu mal-Kunsill tal-Ewropa.

Illum, tassisti lill-istati membri tagħha fit-tfassil ta' riformi kostituzzjonali u leġiżlattivi konsistenti mal-istandards internazzjonali. Il-konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni tiffaċilitat il-proċess tas-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

## Missjoni

Fuq talba u permezz ta' proċess inkluživ ta' konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet nazzjonali, l-istituzzjonijiet tal-istat, il-partijiet interessati u s-soċjetà ċivili, il-Kummissjoni ta' Venezja tevalwa r-riformi kostituzzjonali u leġiżlattivi, l-aktar fl-oqsma elettorali u ġudizzjarji, u tagħmel rakkomandazzjonijiet mhux vinkolanti dwar kif jistgħu jittejbu dawn ir-riformi sabiex jiġu rispettati u implimentati l-prinċipji tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt u biex jitfasslu sistemi ta' gvern effiċjenti u vijabbli.

## Stati Membri

Il-Kummissjoni ta' Venezja tinkludi s-46 membru tal-Kunsill tal-Ewropa flimkien ma' 15 oħra, mill-Ameriki, l-Afrika u l-Asja.

## Għaliex Venezja?

Il-"Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tal-Liġi" ħadet isimha ta' "Kummissjoni ta' Venezja" mill-belt famuża Taljana fil-Laguna fejn kellha l-ewwel laqgħa tagħha u fejn tkompli tiltaqa' erba' darbiet fis-sena.

## 1990-2025 - Kisbiet

Fil-35 sena illi ilha mwaqqfa, grazzi għall-indipendenza u l-imparzjalità tagħha, il- professjonaliżmu tagħha u l-metodi ta' ħidma inklużivi tagħha, il-Kummissjoni ta' Venezja kellha impatt kbir fil-faċilitazzjoni tal-adozzjoni ta' kostituzzjonijiet demokratiċi u l-funzjonament demokratiku tal-istituzzjonijiet. B'mod partikolari, il-Kummissjoni kkontribwiet għat-titjib tal-konformità mal-prinċipji tal-istat tad-dritt u għat-tisħiħ tas-separazzjoni tas-setgħat u l-indipendenza ġudizzjarja fl-istati membri tagħha.

- **1000+: Numru ta' opinjonijiet u rapporti dwar riformi kostituzzjonali u leġiżlattivi**
- **50+: Numru ta' kostituzzjonijiet abbozzati jew riveduti bl-għajnuna tal-Kummissjoni**
- **200+: Numru ta' esperti legali indipendenti li kkontribwew għall-ħidma tagħha**

> **Għaliex dan huwa importanti għalina lkoll?**
> **L-istat tad-dritt ifisser:**
> Demokrazija stabbli u paċifika.
> Ċittadini li huma ħielsa u protetti kontra l-arbitrarjetà.
> Soċjetà aktar ġusta u ugwali.

Illustrazzjonijiet: Nadine Theuma

Id-drittijiet kollha riżervati.
L-ebda parti minn din il-pubblikazzjoni ma tista’ tiġi tradotta, riprodotta jew trasmessa, mingħajr il-permess bil-miktub minn qabel mid-Direttorat tal-Komunikazzjonijiet (F-67075 Strasbourg Cedex jew publishing@coe.int).

Ritratti © Kunsill tal-Ewropa

Ippubblikat mill-Kunsill tal-Ewropa
F-67075 Strasbourg Cedex
**www.coe.int**

© Kunsill tal-Ewropa, Diċembru 2025

**Il-websajt tal-Kummissjoni ta’ Venezja**
https://venice.coe.int



Dan il-fuljett jesplora l-prinċipji essenzjali tas-saltna tad-dritt; il-legalità, iċ-ċertezza tad-dritt, il-prevenzjoni tal-abbuż tal-poter, l-ugwaljanza quddiem il-liġi, u l-aċċess għall-ġustizzja. Dawn il-prinċipji jiffurmaw il-pedament tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, u jiżguraw governanza responsabbli, libertajiet individwali, u ġustizzja soċjetali. Tgħallem kif il-Kunsill tal-Ewropa, permezz tal-ħidma tal-Kummissjoni ta' Venezja, jappoġġja lill-istati biex iżommu dawn l-istandards u jipproteġu liċ-ċittadini minn poter arbitrarju. Kemm jekk int persuna li tfassal il-politika, student, jew ċittadin imħasseb, din il-gwida turi għaliex l-istat tad-dritt huwa importanti u kif jissalvagwardja l-libertajiet tagħna kuljum.

MLT

**www.coe.int**

Il-Kunsill tal-Ewropa huwa l-organizzazzjoni ewlenija tal-kontinent dwar id-dritiijiet tal-bniedem. Iħaddan 46 stat membru li jinkludu l-istati membri kollha tal-Unjoni Ewropeja. L-istati membri kollha tal-Kunsill tal-Ewropa huma firmatarji tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li huwa trattat li l-għan tiegħu huwa l-ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tħares l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni mill-istati membri.

VENICE COMMISSION
COMMISSION DE VENISE

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE